GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

# ĊIRKULARI 07/2025
# Inizjattiva – Apprezzament tal-Mużika fi Klabb 3-16

**Lil:** President u Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
Presidenti, Viċi Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali
Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali

**Mingħand:** Direttur Ġenerali, Gvern Lokali

**Data:** 21 ta' Novembru 2025

1. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali ġiet avviċinata mill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda sabiex permezz ta' proġett bejn l-entitajiet rispettivi, bl-inklużjoni wkoll tal-Kunsilli Lokali, dawk it-tfal li jattendu l-**klabb 3-16** fl-iskejjel tal-Istat, ikollhom l-opportunità jesperjenzaw u japprezzaw il-kultura bandistika.

2. Għal dan il-għan wara diskussjonijiet bejn l-entitajiet imsemmija intlaħaq ftehim li permezz tiegħu ser ikunu qed jiġu organizzati żewġ korsijiet ta' apprezzament mużikali:

   2.1. **Kors għat-tfal ta' bejn 5 u 7 snin**
   2.2. **Kors għat-tfal ta' bejn 8 u 12-il sena**

3. Il-programmi ser jibdew fi Frar tal-2026 u jikkonsistu f'għaxar sessjonijiet ta' siegħa kull waħda, li jibdew bejn it-3.00pm u l-5.00pm fiċ-ċentri tal-Klabb 3-16 madwar Malta u Għawdex. Il-pjan tal-lezzjoni u r-riżorsi meħtieġa ser jiġu provduti mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u iffinanzjati mid-Diviżjoni.

4. Għal dan il-għan, l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda għadha kemm ħarġet sejħa għall-espressjoni ta' interess mas-Soċjetajiet mużikali membri tagħha sabiex sal-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru 2025, jesprimu l-interess tagħhom li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva permezz tal-għalliema tagħhom.

5. Il-Kunsilli Lokali ta' dawk il-lokalitajiet li s-Soċjetajiet Mużikali tagħhom ser ikunu qed jipparteċipaw f'dawn il-programmi ser ikollhom l-opportunità li jissieħbu fl-implimentazzjoni tal-proġett u ser jingħataw allokazzjoni addizzjonali għal dan il-għan mid-Diviżjoni, sabiex ikunu huma li jħallsu lis-Soċjetajiet mużikali. Il-Kunsilli Lokali ser ikunu jistgħu jippromovu dawn il-programmi fuq il-mezzi soċjali filwaqt li jkunu qed jagħtu wkoll is-sehem tagħhom sabiex il-kultura bandistika tradizzjonali Maltija tkun apprezzata aktar u eventwalment twassal għal aktar allijievi fis-Soċjetajiet mużikali tar-raħal jew belt rispettiva.

6. Ix-xogħol amministrattiv, inkluż it-taħriġ tal-edukaturi, il-koordinazzjoni tal-attendenza kif ukoll il-ġbir u l-preżentazzjoni tal-invoices ser isir kollu mill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) u l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda fejn imbagħad issir komunikazzjoni mal-kunsilli lokali rispettivi sabiex jipproċedu bil-ħlas lis-Soċjetajiet Mużikali. L-FES ser tkun wkoll qed tħejji kampanja ta' reklamar fuq il-midja soċjali u media oħra.

7. F’dan l-istadju qed jiġi ssuġġerit li l-Kunsilli Lokali jinkoraġġixxu lis-Soċjetajiet Mużikali tar-raħal u l-belt tagħhom sabiex juru l-interess tagħhom li jipparteċipaw fl-espressjoni ta’ interess imsemmija aktar qabel.

8. Fil-bidu tas-sena d-dieħla, wara li tkun ġiet evalwata s-sejħa tal-interess, ser nikkomunikaw aktar fid-dettall mal-Kunsilli Lokali li is-Soċjetajiet Mużikali tal-lokalitajiet tagħhom ser ikunu ser jipparteċipaw, sabiex fost l-oħrajn tkun ikkoordinata t-tnedija tal-proġett u l-iffirmar tal-MOUs rispettivi. Dan sabiex eventwalment id-Diviżjoni tkun tista’ tgħaddi wkoll l-finanzjament rispettiv lill-istess Kunsilli Lokali.

**IFFIRMATA**

Emil Vassallo
Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali

*Kopji:* *Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali*
*Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali*
*Segretarju Permanenti, MCLG*
*Awditur Ġenerali*
*President, ANSEK*